

Brussell, 24 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12194/26

DATAPROTECT 243
JAI 1037
RELEX 1054

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 384 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-ewwel rieżami tal-funzjonament tad-deċiżjoni ta' adegwatezza għar-Repubblika tal-Korea

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 384 final.

Mehmuż: COM(2026) 384 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.7.2026
COM(2026) 384 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-ewwel rieżami tal-funzjonament tad-deċiżjoni ta' adegwatezza għar-Repubblika
tal-Korea**

{SWD(2026) 231 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-ewwel rieżami tal-funzjonament tad-deċiżjoni ta' adegwatezza għar-Repubblika tal-Korea

1. L-EWWEL RIEŻAMI – SFOND, TĦEJJIJA U PROĊESS

Fis-17 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR)¹ li fiha sabet li r-Repubblika tal-Korea tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għad-data personali ttrasferita mill-Unjoni Ewropea² (“id-deċiżjoni ta' adegwatezza”). B'riżultat ta' dan, it-trasferimenti tad-data mill-UE lejn ir-Repubblika tal-Korea jistgħu jsiru mingħajr rekwiżiti addizzjonali.

Id-Deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni tkopri l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informazzjoni Personali (Personal Information Protection Act, “PIPA”)³ kif ikkomplementat mis-salvagwardji addizzjonali stabbiliti fl-Anness I tad-deċiżjoni ta' adegwatezza (“Regoli Addizzjonali”)⁴. Dawn is-salvagwardji jiċċaraw l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop fil-kuntest tad-data ttrasferita mill-UE lil kontrollur tad-data Korean, jintroduċu obbligi ta' notifika meta d-data personali ma tinkisibx direttament mis-suġġett tad-data kkonċernat, u jiċċaraw il-kundizzjonijiet għal meta l-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni Personali (Personal Information Protection Commission, PIPC) tista' timponi miżuri korrettivi u kif il-PIPA japplika għall-ipproċessar ta' data personali għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali. Ir-Regoli Addizzjonali huma legalment vinkolanti fuq il-kontrolluri tal-informazzjoni personali fir-Repubblika tal-Korea u infurzabbli kemm mill-PIPC kif ukoll mill-qrati⁵.

Barra minn hekk, il-gvern Korean ipprova rappreżentazzjonijiet, assigurazzjonijiet u impenji uffiċjali lill-Kummissjoni dwar il-limitazzjonijiet u s-salvagwardji fir-rigward tal-aċċess għal, u l-użu ta', data personali mill-awtoritajiet pubbliċi Koreani għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi kriminali u tas-sigurtà nazzjonali, filwaqt li ċċara li kwalunkwe pproċessar bħal dan huwa limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv leġittimu, u li teżisti protezzjoni legali effettiva kontra kwalunkwe interferenza⁶.

Mill-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' adegwatezza, ir-Repubblika tal-Korea u l-UE, bħala sħab tal-istess fehma, komplew jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet diġitali b'mod ġenerali u dwar il-flussi tad-data b'mod aktar speċifiku.

¹ ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1 (GDPR)

² ĠU L 44, 24.2.2022, pp. 1–90

³ Il-PIPA jipprovdi l-qafas legali ġenerali għall-protezzjoni tad-data fir-Repubblika tal-Korea.

⁴ Regoli speċifiċi stabbiliti mill-Korea biex jitnaqqsu ċerti differenzi rilevanti bejn il-PIPA u l-GDPR speċifikati fl-Anness I tad-deċiżjoni ta' adegwatezza (in-Notifika Nru 2021-5).

⁵ Ara l-premessa 12 tad-deċiżjoni ta' adegwatezza.

⁶ Il-premessi 144-208 u l-Anness II tad-Deċiżjoni.

Fil-livell bilaterali, dan huwa rifless b'mod partikolari fl-adozzjoni ta' rikonoxximent ta' ekwivalenza għall-Unjoni Ewropea mir-Repubblika tal-Korea, li jirrikonoxxi, skont il-qafas legali Korean, li l-UE tiżgura livell ta' protezzjoni għad-data personali li huwa ekwivalenti għal dak ipprovdut fir-Repubblika tal-Korea, u b'hekk jippermetti l-fluss liberu ta' data personali mir-Repubblika tal-Korea lejn l-UE. Dan huwa l-ewwel rikonoxximent tal-ekwivalenza adottat mir-Repubblika tal-Korea. Dan daħal fis-seħħ fis-16 ta' Settembru 2025 u tħabbar b'mod konġunt f'Seoul mill-Kummissarju tal-UE McGrath u l-eks President tal-PIPC, is-Sur Haksoo Ko. Ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza jkopri kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat u jestendi għaż-ŻEE kollha⁷.

L-arranġament ta' adegwatezza reċiproka bejn l-UE u l-Korea jikkomplementa u jampplifika l-benefiċċji tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea tal-2011 u l-Ftehim dwar il-Kummerċ Diġitali tal-10 ta' Marzu 2025⁸ għall-kumpaniji fl-UE u fir-Repubblika tal-Korea. Il-fluss mhux ristrett ta' data personali bejn iż-żewġ ġurisdizzjonijiet ikompli jiffaċilita l-iskambji kummerċjali u jiġġenera prospettivi ta' negozju permezz ta' aċċess privileġġat għas-suq. Barra minn hekk, iservi wkoll bħala preċedent importanti, li juri li standards robusti tal-protezzjoni tad-data u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ globali mhumiex biss kompatibbli iżda essenzjali fl-ekonomija diġitali tal-lum.

Fil-livell multilaterali, ir-Repubblika tal-Korea u l-UE kkooperaw b'suċċess f'fora internazzjonali, pereżempju fl-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (Organisation for Economic Co-operation and Development, OECD), fejn din il-kooperazzjoni mill-qrib kienet essenzjali għall-adozzjoni, għall-ewwel darba fil-livell internazzjonali, ta' prinċipji komuni dwar l-aċċess tal-gvern għal data personali miżmuma mis-settur privat⁹. Din il-ħidma kienet tiddependi fuq il-valuri u r-rekwiżiti kondiviżi li jirfdu l-arranġament ta' adegwatezza reċiproka bejn l-UE u l-Korea. Barra minn hekk, din il-kollaborazzjoni b'saħħitha hija riflessa wkoll fil-parteċipazzjoni attiva tal-PIPC fin-Network tal-Adegwatezza tal-Kummissjoni Ewropea, li ilha parti minnu sa mit-twaqqif tiegħu fl-4 ta' Marzu 2024¹⁰.

Biex tivverifika regolarment li l-konstatazzjonijiet fid-deċiżjoni ta' adegwatezza jkomplu jkunu fattwalment u legalment ġustifikati, il-Kummissjoni trid twettaq rieżami perġodiku u tirrapporta

⁷ Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta għall-Istampa tas-16 ta' Settembru 2025 mill-Kummissarju Michael McGrath u l-President Haksoo Ko dwar id-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' adegwatezza Koreana dwar l-UE - disponibbli fuq: https://commission.europa.eu/news-and-media/news/joint-press-statement-commissioner-michael-mcgrath-and-chairperson-haksoo-ko-entry-force-korean-2025-09-16_en

⁸ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_25_732

⁹ Id-Dikjarazzjoni tal-OECD dwar l-Aċċess tal-Gvern għal Data Personali Miżmuma minn Entitajiet tas-Settur Privat tal-14 ta' Diċembru 2022: <https://legalinstruments.oecd.org/en/instruments/OECD-LEGAL-0487>

¹⁰ Fl-4 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni ospitat l-ewwel laqgħa ta' livell għoli li qatt saret dwar il-flussi sikuri tad-data, li għaqqdet il-ministri u l-kapijiet mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data tal-15-il pajjiż u territorju li dak iż-żmien kienu adegwati għall-UE kif ukoll il-President tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-infurzar tal-protezzjoni tad-data u jiġu massimizzati l-flussi transfruntiera sikuri u ħielsa tad-data. Sadanittant fl-interim saru laqgħat sussegwenti fil-livell tekniku.

dwar l-eżitu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport, li jkopri l-aspetti kollha tal-funzjonament tad-deċiżjoni ta' adegwatezza, jikkonkludi l-ewwel rieżami perjodiku. Min-naħa Koreana, rappreżentanti mill-awtorità Koreana għall-protezzjoni tad-data, il-PIPC u l-Aġenzija Koreana għall-Internet u s-Sigurtà (Korea Internet and Security Agency, KISA) kienu involuti fir-rieżami. Il-PIPC kienet ukoll f'kuntatt regolari ma' istituzzjonijiet Koreani rilevanti oħra biex tħejji r-rieżami u tiġbor il-kontribut tagħhom. Id-delegazzjoni tal-UE inkludiet erba' rappreżentanti mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (European Data Protection Board, EDPB), flimkien ma' rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea.

Fis-17 ta' Ottubru 2025 saret laqgħa ta' rieżami bejn iż-żewġ delegazzjonijiet, li kienet preċeduta u segwita minn diversi skambji. Sabiex tħejji r-rieżami, il-Kummissjoni ġabret informazzjoni mill-awtoritajiet Koreani dwar il-funzjonament tad-deċiżjoni, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tar-Regoli Addizzjonali. Il-Kummissjoni fittxet ukoll informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati rilevanti u minn sorsi pubbliċi. Wara l-laqgħa ta' rieżami, il-Kummissjoni u l-PIPC kellhom diversi skambji biex isegwu f'aktar dettall kwistjonijiet li ġew diskussi matul il-laqgħa ta' rieżami, b'mod partikolari kwistjonijiet relatati mal-emendi reċenti tal-PIPA u l-interazzjoni mar-Regoli Addizzjonali.

2. KONSTATAZZJONIJIET EWLENIN

Il-konstatazzjonijiet dettaljati dwar il-funzjonament tal-aspetti kollha tad-deċiżjoni ta' adegwatezza huma ppreżentati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD(2026) 231) li jakkumpanja dan ir-rapport.

B'mod partikolari, l-ewwel rieżami wera li l-oqfsa tal-protezzjoni tad-data tal-UE u tal-Korea komplew jikkonverġu mill-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' adegwatezza reċiproka. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ir-Repubblika tal-Korea emendat il-PIPA f'żewġ okkażjonijiet: f'Marzu 2023 u f'April 2025¹¹. Il-PIPC, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, adattat ir-Regoli Addizzjonali biex jirriflettu dawn l-emendi.

L-emendi tal-2023 għall-PIPA tal-Korea komplew isaħħu l-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-pajjiż billi espandew l-ambitu tiegħu, iċċaraw il-prinċipji ewlenin u introduċew salvagwardji ġodda. Oqsma ewlenin ta' titjib jinkludu l-prinċipju tal-legalità, b'bażijiet legali riveduti għall-ipproċessar u dispożizzjonijiet aktar ċari rigward sitwazzjonijiet li jeħtieġu kunsens separat. It-trasparenza tgiebet b'żewġ modi ewlenin: l-ewwel nett, bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti ġodda għall-kontrolluri tad-data biex iwissu lis-suġġetti tad-data dwar riskji potenzjali għall-protezzjoni tad-data; it-tieni nett, bl-impożizzjoni ta' obbligi msaħħa għall-Istat u l-gvernijiet lokali biex jieħdu miżuri biex jipproteġu d-data personali tat-tfal taħt l-età ta' 14-il sena u jiżguraw li jkun jistgħu jifhmu b'mod ċar l-impatt tal-ipproċessar tad-data personali u d-drittijiet tagħhom bħala suġġetti tad-data. Ir-responsabbiltà ssaħħet ukoll bl-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-kontrolluri barranin biex jaħtru aġent domestiku fil-Korea. Barra minn hekk, l-emendi ssikkaw ir-restrizzjonijiet fuq l-ipproċessar

¹¹ Id-dħul fis-seħħ rispettiv f'Settembru 2023 u f'Ottubru 2025.

tad-data psewdonimizzata, introduċew obbligi ġodda biex tinqed tali data ladarba ma tibqax meħtieġa, u żguraw aktar trasparenza dwar l-ipproċessar tad-data psewdonimizzata.

Mill-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' adegwatezza, id-drittijiet tas-suġġett tad-data komplew jissaħħu wkoll. Ir-riforma tal-PIPA tal-2023 introduċiet protezzjonijiet ġodda u saħħet daww eżistenti, inkluż id-dritt li jiġi rtirat il-kunsens, salvagwardji kontra t-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet, u d-dritt għall-portabbiltà tad-data, li fl-aħħar mill-aħħar jagħtu s-setgħa lill-individwi biex jeżerċitaw kontroll akbar fuq id-data personali tagħhom.

L-emendi għall-PIPA mid-deċiżjoni ta' adegwatezza komplew isaħħu wkoll ir-regoli tiegħu dwar it-trasferimenti internazzjonali tad-data, bl-introduzzjoni ta' qafas aktar robust li jipprovdi salvagwardji aktar b'saħħithom għall-protezzjoni tad-data personali ttrasferita barra mir-Repubblika tal-Korea.

Fir-rigward tas-sorveljanza u l-infurzar, il-Kummissjoni tinnotta li l-PIPC infurzat b'mod attiv il-PIPA mill-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' adegwatezza, b'azzjoni ta' infurzar li tinkludi l-impożizzjoni ta' multi fuq Google u Meta għall-ġbir illegali ta' data, l-investigazzjoni ta' trasferimenti transfruntiera ta' data minn kumpaniji bħal DeepSeek u AliExpress, u l-infurzar ta' regoli dwar iċ-ċibersigurtà u l-ksur tad-data. Il-PIPC kienet qed tippovdi wkoll gwida regolatorja, twettaq kontrolli settorjali, u tinvolvi ruħha f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u kooperazzjoni internazzjonali mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data tal-UE, inkluż il-Commission nationale de l'informatique et des libertés (CNIL) Franċiża u l-EDPB, biex tkompli ssaħħa il-protezzjoni tad-data fir-Repubblika tal-Korea.

Ta' min jinnota b'mod partikolari li xi wħud mir-Regoli Addizzjonali eżistenti li jinsabu fl-Anness I tad-deċiżjoni ta' adegwatezza issa huma riflessi fil-PIPA, u b'hekk isiru applikabbli b'mod ġenerali għad-data personali kollha, irrISPettivament mill-orijini jew mill-punt tal-ġbir tagħha. B'riżultat ta' dan, ir-Regoli Addizzjonali rilevanti se jiġu revokati. B'mod speċifiku, dan se jkun il-każ għar-Regola Addizzjonali 2, li stabbiliet limitazzjoni għat-trasferimenti ulterjuri ta' data personali, ir-Regola Addizzjonali 4, li kienet relatata mal-kamp ta' applikazzjoni ta' eżenzjoni speċjali għall-ipproċessar ta' informazzjoni psewdonimizzata, u l-ewwel parti tar-Regola Addizzjonali 5, li kienet tikkonċerna l-possibbiltà li l-PIPC tadotta miżuri korrettivi. Ir-Regoli Addizzjonalil-oħra se jibqgħu fis-seħħ.

Ir-revoka ta' dawn ir-Regoli Addizzjonali speċifiċi hija żvilupp pożittiv importanti, peress li tirrifletti ż-żieda fil-konverġenza bejn l-oqsma tal-protezzjoni tad-data tal-UE u tal-Korea. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda fil-PIPA li jstabbilixxu rekwiżiti aktar stretti għat-trasferimenti transfruntiera u li jiċċaraw l-eċċezzjonijiet dwar it-trasparenza u d-drittijiet individwali għad-data psewdonimizzata juru l-impenn tal-Korea li tkompli ssaħħa il-qafas tal-protezzjoni tad-data tagħha. Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li l-PIPC haċet ukoll pożizzjoni attiva fl-infurzar tad-dispożizzjonijiet il-ġodda, fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u sanzjonijiet biex tiżgura l-konformità mar-regoli dwar it-trasferimenti internazzjonali tad-data u l-psewdonimizzazzjoni.

Fir-rigward tal-aċċess u l-użu ta' data personali mill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Korea, mill-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' adegwatezza, il-Korea emendat xi liġijiet ewlenin biex ittejjeb il-protezzjoni tad-data personali, inkluż l-Att dwar in-Negożju tat-Telekomunikazzjoni u l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Privatezza tal-Komunikazzjonijiet. B'mod partikolari, introduċiet rekwiżiti ġodda ta' notifika, miżuri ta' sorveljanza, u salvagwardji proċedurali. Barra minn hekk, il-PIPC saħħet is-sorveljanza tagħha u ppromwoviet il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data permezz ta' linji gwida għall-awtoritajiet pubbliċi. Dawn l-iżviluppi juru l-isforzi kontinwi tal-Korea biex issaħħaħ is-salvagwardji għad-data personali, inkluż meta tiġi pproċessata għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi kriminali u s-sigurtà nazzjonali.

3. KONKLUŻJONI

Abbażi tas-sejbiet ġenerali li saru bħala parti minn dan l-ewwel rieżami, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-Repubblika tal-Korea tkompli tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għad-data personali mill-Unjoni Ewropea lil entitajiet fir-Repubblika tal-Korea soġġetti għall-PIPA, kif ikkomplementat mis-salvagwardji addizzjonali stabbiliti fir-Regoli Addizzjonali, flimkien mar-rappreżentazzjonijiet, l-assigurazzjonijiet u l-impenji uffiċjali li jinsabu fl-Anness II tad-deċiżjoni ta' adegwatezza. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tirrikonoxxi u tapprezza ħafna l-kooperazzjoni eċċellenti, fit-tweġġ tar-rieżami, mal-awtoritajiet Koreani, u b'mod partikolari l-PIPC.

Fid-dawl ta' dan l-eżitu tar-rieżami u f'konformità mal-premessi 219 u 220 tad-deċiżjoni ta' adegwatezza, il-Kummissjoni tqis li ma hemm l-ebda ħtieġa li jinżamm iċ-ċiklu ta' tliet snin għar-rieżamijiet futuri u għalhekk tqis li huwa xieraq li wieħed jgħaddi għal ċiklu ta' erba' snin skont l-Artikolu 45(3) tal-GDPR. Hija se tikkonsulta dwar dan il-punt mal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 93(1) tal-GDPR¹².

Fl-istess ħin, it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-qafas Korean tal-protezzjoni tad-data jista' jikkontribwixxi għal aktar tisħiħ tas-salvagwardji stabbiliti fl-PIPA u fir-Regoli Addizzjonali. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

1. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-PIPC biex twettaq kontrolli aleatorji biex tiżgura l-konformità mar-Regoli Addizzjonali. Fil-fehma tal-Kummissjoni, kontrolli aleatorji ta' dan it-tip ikunu importanti biex jiġi żgurat li ksur (potenzjali) tar-Regoli Addizzjonali jiġi identifikat u indirizzat, u b'hekk tiġi żgurata konformità effettiva ma' dawn ir-regoli.
2. Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li l-PIPC tippjana li tippubblika linji gwida aġġornati dwar it-trasferimenti internazzjonali, peress li dawn se jżidu l-aċċessibbiltà tar-regoli tal-PIPA dwar dan is-suġġett u jagħmlu dawn ir-regoli aktar faċli għall-utent. Il-Kummissjoni tistieden lill-PIPC tiċċara li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni tal-APEC CBPR u tas-CBPR (Regoli dwar il-Privatezza Transfruntiera) mhumix rikonoxxuti bħala mekkaniżmu għat-trasferimenti ta' data personali skont ir-regoli tal-PIPA.

¹² Ara l-Premessa 220 tad-Deċiżjoni.

3. Kif imsemmi fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-rapport, huwa importanti wkoll li s-sit web tal-PIPC juri b'mod ċar l-għodod li huma validi għat-trasferimenti internazzjonali tad-data, kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Korean, biex tiġi żgurata ċ-ċarezza fir-rigward tar-regoli applikabbli.

Ir-rieżami għamilha possibbli wkoll li jiġu identifikati oqsma għal kooperazzjoni futura possibbli. Pereżempju, minħabba l-importanza dejjem tikber tal-klawżoli mudell u l-potenzjal tagħhom bħala għodda globali għat-trasferimenti tad-data, kif rikonoxxut pereżempju mill-G7 u l-OECD, il-Kummissjoni indikat l-interess tagħha f'kooperazzjoni futura mal-PIPC fl-iżvilupp ta' klawżoli ta' dan it-tip.

Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja mill-qrib il-qafas Korean tal-protezzjoni tad-data u l-prattika attwali. F'dan ir-rigward, tistenna bil-ħerqa skambji futuri mal-awtoritajiet Koreani dwar żviluppi rilevanti għad-deċiżjoni, kif ukoll it-tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni fil-livell internazzjonali fi żmien fejn hemm domanda dejjem akbar għal standards globali dwar il-privatezza u l-flussi tad-data.